

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 18. GESU' MICHUD F'PAJJIZU

**Luke 4:16-32**



Kien jum is-Sibt u l-Lhud kienu qed jingabru fis-sinagoga ta' Nazaret biex jitolbu. Nazaret kien il-rahal fejn Gesu' sa minn ckunitu kien jghix. Fost dawn in-nies kien hemm Gesu' ghaliex huwa irritorna minn Kana u kien jinsab gewwa rahal twelidu ghal xi jiem. Qatt ma kien ifalli li kull nhar ta' Sibt kien imur jadura lil Alla, jisma' u jaqra il-Bibbja. Gesu' ma kienx xi persuna ordinarja u l-migemgha riedet tisma' minn fomm l-Imghallem, l-iben il-karpentier ta' Nazaret, x'kellu jghidilhom. Il-ministru tas-sinagoga gablu l-ktieb ta' Isaija biex jaqra silta minnu u jghaddi xi kummenti fuqha. Kristu sab is-silta tal-profeta li kienet titkellem fuq il-Messija u qrah lin-nies. Kienet tghid hekk:

"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi
Ghax hu kkonsagrani.
Baghatni nhabbar il-helsien lill-imjassrin,
Nwassal il-bxara t-tajba lil fqajrin,
U d-dawl mill-gdid lill-ghomja.
Nrodd il-helsien lil-mahqurin
U nxandar is-sena tal-grazzja tal-Mulej."

Wara li qara dawn il-kliem, ta il-ktieb lura lil ministru u qaghad bil-qieghda. Kulhadd fis-sinagoga tefa' ghajnejn fuqu, filwaqt li qaghdu jistennewh jghidilhom xi kelma fuq dak il-qari; ghaliex kienet l-uzanza dak iz-zmien li min kien jaqra fis-sinagoga, imbaghad kien jghid xi kliem ta' kuragg lis-semmiegha ta' quddiemu.

Fost dawk li semghu lil Gesu' kien hemm xi uhud li kienu jafu lil Gesu' sa minn ckunitu u ma kienux lesti li jisimghu dak li kellu jghallimhom iben il-mastrudaxxa ta' Nazaret. Ilkoll kienu semghu bil-mirakli u l-fejqan li kien wettaq f'Kana, gewwa Kafarnw u anke max-xtut tal-belt. Imma ma riedux jemmnu li Gesu' kien l-imwieghed re tal-Lhud. Kienu jafu li kien bniedem fqir u ma kienux juruh rispett ghal dak li kien: bniedem kbir u ta' qalb hanina.

Meta semghuh jitkellem stghagbu bi kliemu u ma riedux jemmnu li dak kien iben il-mastrudaxxa ta' Nazaret. Baqghu jisimghuh attenti ghax raw li kien qed jitkellem bil-ghaqal. Imbaghad Gesu' qalilhom li dak li habbar il-profeta Isaija sehh meta hu gie jhabbar il-bxara t-tajba lil fqajrin u jaghmel hwejjeg ta' l-ghageb.

“Kif jista jkun dan il-Messija? Forsi dan mhux iben Guzeppi?” qalu wiehed lil iehor.

Gesu kien jaf li sejrin jirrifjutawh u ma jemmnuhx. Qalilhom li ebda profeta ma kien milqugh f'pajjizu. U fakkarhom fi zmien meta l-profeta Elija kellu jahrab minn Izrael biex jsib kenn ghand armla gewwa art pagana. Ghaliex din l-armla kienet tiehu hsieb il-profeta, Alla ma abbandunahiex. Fakkarhom ukoll fil-lebbruz pagan, Naman, li fieq bis-setgha t'Alla meta obda dak li amarlu l-profeta Elija, ghalkemm hafna mgiddma f'Izrael qatt ma sabu l-fejqan.

Il-gemgha kellha qalbha iebsa u oggezzjonat ghall-kliem ta' Kristu, ghalkemm dak li semmielhom Kristu gara tassew hafna zmien qabel. Fehmu li Gesu' ried jghaddilhom il-messagg li Alla ha hsieb anke dawk li ma kienux Lhud ghax kulhadd hu l-poplu t'Alla. Din il-haga ma riedux jisimghuha.

Huma irrifjutaw li jibqghu jisimghuh u kien hemm dizordni kbira fis-sinagoga. Il-kapijiet qabdu lil Gesu u tefghuh 'l barra mis-sinagoga. Imbaghad folla rrabjata habtet ghal Gesu', qabduh u haduh sa' fuq l-gholja biex jitfghuh minn hemm ghal isfel. Is-siegha tieghu kienet ghadha ma waslitx . Hu ghadda min nofshom u halliehom ghar-riehhom u mar joqghod gewwa Kafarnaw.

In-nies ta' Nazaret ma fehmux x'deni ghamlu lilhom infushom dak in-nhar. Huma keccew minn nofshom il-Verita' nkarnata minhabba s-suppervja taghhom u tilfu l- grazzja minghand Alla li jisimghu aktar fuq is-salvazzjoni tal-bnedmin.

## RIFLESSJONI

Is-suppervja jew ras iebsa hija mpediment biex il-grazzja t'Alla ma taghmilx dak li suppost taghmel fir-ruh taghna: tqaddisna. Alla jaghtina l-grazzja tieghu, izda jekk ahna nirrifjutawha minhabba s-suppervja taghna, ma jisfurzanhiex ghax hu halaqna liberi. L-ghazla hija taghna.

Bir-rieda taghna ahna naghzlu ;li nitilfu tant u tant tezori ta' grazzi. Hafna drabi d-distrazzjonijiet tal-hajja jghattulna ghajnejna u ma nindunawx b'dawn it-tezori. Nitolbu lil Alla jaghtina d-dawl tieghu biex inkunu attenti ghad-doni tieghu.